# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 585/18/1 MH**

**Franco Buttigieg, Maria Borg Costanzi u Sandra Kirkpatrick**

**v.**

**Avukat Tonio Azzopardi**

1. L-atturi appellaw mis-sentenza li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fil-11 ta' Ottubru, 2023 li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut li l-azzjoni hi preskritta skont l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

2. Il-fatti prinċipali rilevanti għall-appell tal-atturi huma dawn:

i. Fit-8 ta’ Ottubru 2010 il-Qorti Ċivili, Prim’Awla ddeċidiet il-kawża 327/1991 fl-ismijiet **Perit Rene Buttigieg v. Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura**.

ii. L-atturi huma werrieta tal-Perit Rene Buttigieg u fl-1 ta’ Novembru 2010 appellaw minn dik is-sentenza. Il-konvenut kien id-difensur li ffirma r-rikors tal-appell u assista lill-atturi. Ir-rikors tal-appell kien preżentat mill-prokuratur legali Edgar Montanaro.[1]

iii. Skond il-liġi l-appell kellu jkun preżentat mhux iktar tard mit-28 ta’ Ottubru 2010.

iv. Fl-appell ingħatat l-eċċezzjoni li kien preżentat *fuori termine* u għalhekk il-Qorti Kostituzzjonali ma tistax tqisu. L-eċċezzjoni ngħatat mill-Istat kif ukoll mill-Perit Michael Busuttil li kien issejjaħ fil-kawża.

v. Mill-atti tal-appell 327/1991/3 jirriżulta li fil-11 ta’ Novembru 2010 kull wieħed mill-atturi kien ġie notifikat bit-tweġiba tal-appell tal-Gvern, fl-indirizz li huma stess kienu taw fir-rikors tal-appell.

vi. Fil-11 ta’ Novembru 2011 l-atturi ppreżentaw rikors fil-Qorti Kostituzzjonali, iffirmat mill-konvenut li dak iż-żmien kien qiegħed

[1] Peress li saret referenza għall-kawża kostituzzjonali 327/1991/3, din il-Qorti rat l-atti tal-appell ta’ dik il-kawża.

jippatroċinahom, u ppremettew li wara li ngħatat is-sentenza appellata, kienu kkonsultaw mal-konvenut u *".... tħejja r-rikors tal-appell u kien hemm skambju ta' emails dwar tibdil u żidiet fil-kontenut tiegħu. Iżda ġara li f'dak il-perjodu l-avukat tagħhom kellu jaffronta diversi problemi ta' natura urġenti f'daqqa, u ċioe' proċeduri taħt il-Hague Convention fuq child abduction, talba għal interim measure mill-Qorti Ewropea u suwiċidju li dwarukien hemm indizji li seta' kien hemm omiċidju volontarju, kuf ukoll problema ta' natura personali"*. Għalhekk talbu lill-Qorti Kostituzzjonali biex tikkunsidra l-mertu tal-appell tagħhom. Fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2011 il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet it-talba tal-atturi. Għalkemm b'rikors ieħor tas-16 ta' Novembru 2011 l-atturi talbu lill-Qorti Kostituzzjonali sabiex ma tagħtix sentenza dwar l-eċċezzjoni ta' nullità tal-appell, b'digriet mogħti fil-21 ta' Novembru 2011 il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet it-talba.

vii. B'sentenza tat-28 ta' Novembru 2011 il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat l-appell kien null għaliex tardiv u ma komplitx tikkunsidrah.

viii. B'ittra tas-17 ta' Mejju 2012 il-konvenut għarraf lill-atturi li kien lest li jassisti lill-atturi biex iressqu l-każ tagħhom quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

ix. L-atturi, bl-għajnuna tal-konvenut, fit-22 ta' Mejju 2012 fetħu każ quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (numru 34491/12).

x. B'deċiżjoni tas-7 ta' Ottubru 2014, il-QEDB iddikjarat l-applikazzjoni inammissibbli.

xi. Fil-11 ta' Ġunju 2015 l-atturi ppreżentaw ittra uffiċjali li biha sejħu lill-konvenut biex iħallas id-danni minħabba li qalu li kien ippreżenta l-appell tagħhom wara li kien skada t-terminu tal-appell. Fil-15 ta' Ġunju 2015 il-konvenut kien notifikat bl-ittra uffiċjali.

xii. Fil-25 ta' Mejju 2017 l-atturi ppreżentaw ittra uffiċjali fejn reġgħu sejħu lill-konvenut, u fil-25 ta' Mejju 2017 il-konvenut kien notifikat b'dak l-att ġudizzjarju.

xiii. Fis-6 ta' Ġunju 2018 l-atturi fetħu l-kawża.

3. Fil-kawża l-atturi qegħdin isostnu li kien tort tal-konvenut li l-appell kien preżentat wara t-terminu ta' 20 jum mid-data tas-sentenza. Fil-fatt huma ppremettew li:

> *"6. Illi l-aġir tal-intimat meta huwa ippreżenta r-rikors tal-appell tardivament jikkostitwixxi aġir neġliġenti b'mod grossolan da parti tal-intimat, liema aġir iwassal għad-danni li ġew sofferti mir-rikorrenti .......".*

4. Għalhekk talbu lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-konvenut ikkaġunalhom ħsara meta ppreżenta appell tardiv u *"1..... għalhekk tali aġir bħala Avukat tar-rikorrenti għandu jiġi meqjus bħala wieħed negliġenti b'mod grossolan"*. Talbu wkoll lill-Qorti sabiex tillikwida d-danni u tikkundanna lill-konvenut iħallas.

5. L-Ewwel Qorti *inter alia* rraġunat:

> *"In kwantu l-azzjoni mressqa hija dik ta' natura akwiliana, l-konvenut isostni li t-terminu preskrittiv ta' sentejn beda jiddekorri mill-aħħar jum li fih seta' jiġi preżentat l-appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti fil-proċeduri Rik Nru 327/1991 u ċioe' mit-28 ta' Ottubru 2010. Għalhekk fil-fehma tiegħu l-azzjoni odjerna hija preskritta skont il-liġi għax l-ewwel ittra uffiċjali mingħand l-atturi ntbagħtet fil-11 ta' Ġunju 2015, kważi ħames snin wara.*
>
> *L-atturi jikkonċedu li l-preskrizzjoni applikabbli għall-każ odjern hija dik ta' sentejn ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16. Madankollu huma ma jaqblux mal-konvenut dwar id-data minn meta kellhom jibdew jiddekorru s-sentejn tal-preskrizzjoni. Huma jargumentaw li wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2011 l-avukat konvenut kompla bl-allegat aġir negliġenti tiegħu billi ressaq lill-atturi għal proċeduri oħra ġewwa Starsburgu kontra l-Istat Malti. L-atturi jsostnu li la r-relazzjoni avukat-klijent baqgħet għaddejja matul dawk il-proċeduri quddiem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, it-terminu preskrittiv ta' sentejn kellu jibda għaddej mid-data li fih intemmu l-proċeduri msemmija u ċioe' mis-7 ta' Ottubru 2014. Isegwi fil-fehma tagħhom li l-ittri uffiċjali tal-2015 u tal-2017 saru tempestivament u għalhekk il-preskrizzjoni ġiet debitment interrotta b'dana li l-kawża odjerna mhijiex preskritta.*
>
> *………..*
>
> *Kif ġie sottolineat fis-sentenzi appena ċitati, l-preskrizzjoni ta' azzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 bdiet tiddekorri minn dak inhar li din l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata.*
>
> *Il-Qorti tirrileva li tali eċċezzjoni trid tiġi oġġettivament evalwata fil-kuntest tal-azzjoni odjerna kif ġiet preżentata. Kjarament, kemm mill-premessi kif ukoll mit-talbiet huwa ċar li l-atturi odjerni qegħdin jabbinaw l-allegat aġir negliġenti u grossolan tal-konvenut - u kwindi l-pretensjoni tal-ħlas tad-danni –* <u>*mal-intavolar tardiv tar-rikors tal-appell*</u> <u>*quddiem il-*</u>

*<u>Qorti Kostituzzjonali fil-proċeduri Rik Nru 327/1991</u>. Dan għalihom huwa dak li hu l-font,* ***l evento*** *tad-danni lilhom allegatament kreati. Dan ifisser li l-preskrizzjoni bdiet tiddekorri mid-data tal-iskadenza tat-terminu tal-appell in kwistjoni u ċioe' mit-28 ta' Ottubru 2010.*

*Għalhekk hija ġustifikata l-eċċezzjoni tal-konvenut stante li mill-atti jirriżulta li l-ewwel ittra uffiċjali da parti tal-atturi ġiet preżentata ferm wara li għaddew is-sentejn ta' preskrizzjoni u ċioe' fil-11 ta' Ġunju 2015, anzi kważi ħames snin wara.*

*Huwa legalment insostenibbli l-argument tal-atturi li l-preskrizzjoni tal-azzjoni kellha tibda għaddejja mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tas-7 ta' Ottubru 2014. Anke jekk huwa minnu li f'dik l-epoka l-konvenut kien għadu qed jippresta s-servizzi legali tiegħu lill-atturi, dik il-fażi tar-relazzjoni bejn avukat u klijent ma tiffigurax fil-kawżali u t-talbiet tal-atturi fir-rikors ġuramentat u konsegwentement ma tista' qatt titqies għall-fini ta' preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna".*

6. L-atturi appellaw permezz ta' rikors tal-appell li ppreżentaw fit-3 ta' Novembru 2023 u fih ressqu żewġ aggravji dwar is-sentenza appellata:

i. Il-preskrizzjoni bdiet tgħaddi mit-28 ta' Ottubru 2010;

ii. L-Art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili ma japplikax iżda japplika l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

7. Il-konvenut wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-atturi. Għalkemm il-konvenut fit-tweġiba tiegħu ta l-verżjoni tiegħu tal-fatti u x'kienet ir-raġuni għalfejn l-appell kien preżentat wara li skada t-terminu legali, dik hi materja rilevanti għad-deċiżjoni fuq il-mertu.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

8. <u>Fl-ewwel aggravju</u> l-atturi jsostnu li l-perjodu ta' sentejn beda għaddej minn meta l-Qorti Kostituzzjonali tat is-sentenza fit-28 ta' Novembru 2011. Isostnu li kien f'dak il-mument li saru jafu *"bin-nuqqas grossolan tal-avukat tagħhom"*. Komplew li huma fdaw fl-avukat u aċċettaw il-proposta tiegħu li fit-22 ta' Mejju, 2012 iressqu ilment quddiem il-QEDB. L-atturi qegħdin isostnu li dak li sar mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali sad-deċiżjoni tal-QEDB interrompa l-preskrizzjoni.

9. Min-naħa l-oħra l-konvenut isostni li s-sentejn bdew jgħaddu mill-jum minn meta l-atturi setgħu jappellaw mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-8 ta' Ottubru 2010.

10. Jekk japplika l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili għall-każ in eżami, m'hemmx dubju li s-sentejn għaddew irrispettivament jekk il-perjodu ta' preskrizzjoni bediex minn meta skada t-terminu li fih skont il-liġi kellu jiġi preżentat ir-rikors tal-appell jew minn meta l-Qorti Kostituzzjonali tat is-sentenza fit-28 ta' Novembru 2011 li biha ddikjara n-nullità tal-appell.

11. Skont art. 2137 tal-Kodiċi Ċivili, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda *"<u>minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata</u>; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna lil lilha din l-azzjoni tmiss"*.

12. Hu evidenti li l-atturi kienu għallinqas żguri mid-data tan-notifika tat-tweġiba tal-Gvern (11 ta' Novembru 2010) għax jafu li ngħatat eċċezzjoni dwar in-nullità tal-appell minħabba li kien tardiv. Għalhekk minn dak iż-żmien kienu f'pożizzjoni li jagħmlu l-verifiki tagħhom biex jivverifikaw jekk effettivament l-appell kienx ġie preżentat wara t-terminu stabbilit mil-liġi. Ovvjament sa dak l-istadju kien għad m'hemmx sentenza ta' qorti li l-appell hu null.

13. M'hemmx dubju li għallinqas żgur mid-data meta ngħatat is-sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali (28 ta' Novembru, 2011) l-atturi setgħu fetħu l-kawża kontra l-konvenut. Madankollu wara dakinhar ir-relazzjoni bejn il-partijiet kompliet tant li b'ittra datata 17 ta' Mejju 2012 il-konvenut għarraf lill-attur Buttigieg li kien ser iressaq il-każ tagħhom quddiem il-QEDB. Evidenti li kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-pass li jmiss kienet kawża fil-QEDB. Fil-fatt fit-22 ta' Mejju 2012 l-atturi fetħu l-każ fil-QEDB, bil-konvenut ikun l-avukat tagħhom. Għalkemm mill-ittra tal-konvenut hu evidenti li l-atturi kienu diġà qegħdin jippretendu li l-konvenut kien naqas fid-dmirijiet tiegħu, tant li fiha kiteb *"I respect your wish not to renounce to any claims or pretences of whatever nature against me......"*, madankollu għażlu li jkomplu jingħataw is-servizzi legali mingħandu u kkontestaw id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali quddiem il-QEDB.

14. F'tali ċirkostanzi ma jistax jingħad li t-terminu ta' sentejn beda jiddekorri qabel il-QEDB tat id-deċiżjoni fis-7 ta' Ottubru 2014. Ovvjament ħadd ma kien jaf x'ser ikun l-eżitu tal-kawża li l-atturi fetħu fil-QEDB. Għalhekk kieku l-atturi fetħu l-kawża għad-danni kontra l-konvenut qabel ingħatat is-sentenza mill-QEDB, it-talba kienet tkun intempestiva.

15. Fiċ-ċirkostanzi jekk għall-grazzja tal-argument biss tapplika l-preskrizzjoni ta' sentejn, il-perjodu beda jiddekorri mis-7 ta' Ottubru 2014. Però l-preskrizzjoni ġiet interrotta permezz tal-ittri uffiċjali tal-11 ta' Ġunju 2015 u tal-25 ta' Mejju 2017, u eventwalment l-atturi fetħu l-kawża fis-6 ta' Ġunju 2018. Għalhekk dakinhar li l-atturi fetħu l-kawża tal-lum kienu għadhom m'għaddewx is-sentejn.

16. <u>Fit-tieni aggravju</u> l-atturi jsostnu li għall-każ in eżami tapplika l-preskrizzjoni ta' ħames snin (art. 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili). Argumentaw li l-konvenut kien il-mandatarju tagħhom u l-pretensjoni tagħhom hi bażata fuq ir-relazzjoni kuntrattwali li kellhom mal-konvenut.

17. Kif osserva l-konvenut quddiem l-Ewwel Qorti l-atturi kienu ddikjaraw li l-kwistjoni ma kinitx dwar japplikax l-Art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili, iżda minn meta bdew jgħaddu s-sentejn. Fatt li kif rajna l-Ewwel Qorti għamlet referenza għalih.

18. Issa fl-istadju tal-appell l-atturi bidlu l-fehma tagħhom u qegħdin isostnu li l-perjodu ta' preskrizzjoni hu ta' ħames snin.

19. Il-konvenut għamel referenza għall-prinċipju *electa una via, non datur recursus ad alteram*. Hu fatt li l-pożizzjoni tal-atturi quddiem l-Ewwel Qorti kienet li japplika l-Art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

20. Madankollu, din il-Qorti hi tal-fehma li m'hemm xejn x'iżomm lill-atturi milli fl-istadju tal-appell jibdlu l-fehma tagħhom meta tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi waħda ta' preskrizzjoni estintiva. Wara kollox m'hemm xejn x'iżomm konvenut milli jinvoka dispożizzjoni ta' preskrizzjoni oħra. L-atturi mhumiex ibiddlu l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni li ta l-konvenut, kif ta x'jifhem il-konvenut (ara paragrafu 25), iżda sempliċement jargumentaw li l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili ma japplikax għall-każ tagħhom. Hekk ukoll minkejja l-pożizzjoni li ħadu l-atturi quddiem l-Ewwel Qorti, ma kien hemm xejn x'iżomm lill-Ewwel Qorti milli tikkonkludi li l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili ma japplikax għall-każ in eżami. Wara kollox il-provi juru biċ-ċar li bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kuntrattwali u l-atturi jippretendu li l-konvenut hu responsabbli minħabba negliġenza professjonali.

21. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet u l-konvenut kienet dik ta' bejn klijenti u avukat. Il-konvenut ta s-servizzi professjonali tiegħu lill-atturi. Saħansitra

fl-ittra tas-17 ta' Mejju 2012 kiteb li *"I welcome your undertaking"* li ser iħallsuh l-ispejjeż u d-dritt tiegħu fir-rigward tal-kawża 327/1991.

22. Fiċ-ċirkostanzi għall-każ in eżami ma japplikax l-Artikolu 2153 li jgħodd biss f'każ ta' danni akwiljani.

**Deċiżjoni.**

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-atturi u filwaqt li tħassar is-sentenza appellata tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut. Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenut.

Ir-Reġistratur għandu jibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm